MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 530/2003

**Paola Agius f'isem l-assenti Carmelo Agius; u b'nota tal-1 ta' Ottubru 2004 l-Avukat Philip Manduca assuma l-atti f'isem Carmelo Agius**

***Versus***

**Antonia Scerri, Joanne Scicluna, Marisa Pace, Joseann Vassallo, Rosianne Agius, Loreta Farrugia, Catherine Farrugia, Nazzareno Agius u Philip Agius; u b'dikriet tad-9 ta' Frar 2009 issejħet fil-kawża Paola Agius *proprio*; u b'dikriet tal-11 ta' Diċembru 2009 il-kawża tkompliet fil-persuna ta' Sylvia Abela, Ivan Agius, Samuel Agius u Elaine Agius, u Mary Agius armla ta' Philip Agius flok l-istess Philip Agius li miet waqt li kienet miexja l-kawża**

1. F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' prelegat imħolli lilu mill-awturi tal-partijiet.

2. Il-partijiet huma lkoll werrieta ta’ Giovanni u Giuseppa miżżewġin Agius, li mietu Giovanni fil-11 ta’ Ġunju 1993 u Giuseppa fid-29 ta’ April 1976. Il-wirt tal-konjuġi Agius kien regolat b’testment *unica charta* tal-21 ta’ Jannar 1975 fl-atti tan-Nutar Nicola Said, waqt illi Giovanni Agius waħdu għamel ukoll testment fl-10 ta’ Jannar 1978 fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat u testment ieħor fid-9 ta’ April 1986 fl-atti tan-Nutar Joseph F. Abela.

3. Bis-saħħa tat-testment *unica charta* tal-21 ta’ Jannar 1975 it-testaturi ħallew bi prelegat lill-attur l-għalqa fil-limiti ta’ Ħaż Żebbuġ, kontrada *ta’ Wied is-Sewda*, magħrufa bħala *ta’ Xmun* jew *tas-Sellum*, tal-kejl bejn wieħed u ieħor ta’ tomna u żewġ sigħan.

4. Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti biex jersqu għall-immissjoni fil-pussess ta’ dan il-prelegat, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

i. tgħid illi lill-attur tħalliet bi prelegat l-għalqa fuq imsemmija;

ii. tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat; u

iii. taħtar nutar biex jirċievi u jippubblika l-att u kuraturi biex jidhru f’isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni.

5. Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż.

6. Il-konvenuti Nazzareno Agius, Catherine Farrugia, Loreta Farrugia, Antonia Scerri, Joanne Scicluna, Marisa Pace (illum Agius), Joseann Vassallo u Rosianne (*sive* Roslyn) Agius ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. għall-integrità tal-ġudizzju għandha tissejjaħ fil-kawża Paola Agius *proprio* billi din ukoll hija waħda mill-werrieta – Paola Agius issejħet fil-kawża b’dikriet tad-9 ta’ Frar 2009

ii. fil-meritu, huma jaqblu illi Carmelo Agius jitħallas il-prelegat minnu mitlub; u

iii. huma ma għandhomx ibatu spejjeż għax huma qatt ma opponew għall-ħlas tal-prelegat, u kienu biss il-werrieta l-oħra, Philip Agius u Paola Agius, illi ostakolaw il-ħlas u irrifjutaw li jersqu għall-qasma tal-wirt u l-ħlas tal-legati.

7. Il-konvenuti l-oħra, Paola Agius u l-werrieta ta’ Philip Agius li miet waqt li kienet miexja l-kawża, ma ressqux eċċezzjonijiet u ma dehrux għas-smigħ, u lanqas ma għamlu sottomissjonijiet bil-miktub fiż-żmien li ngħatalhom

għal dak li jgħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

8. Il-prelegat li dwaru saret il-kawża tallum tħalla fit-tmien klawsola tat-testment *unica charta* tal-21 ta' Jannar 1975 li b'ebda mod ma nbidlet bit-testmenti li saru wara. Din il-klawsola fil-parti relevanti tgħid hekk:

It-testaturi jridu u jordnaw, u kwindi qegħdin iħalluha bi prelegat, illi meta ssir il-qasma [ta' biċċa art oħra mħollija bit-testment], lil min tmiss dik il-parti fejn hemm ix-xtura u fejn ma tantx hemm fond għandu jieħu, kif it-testaturi minn issa qegħdin iħallulu, l-għalqa fil-limiti ta' Ħaż Żebbuġ, kontrada *ta' Wied is-Sewda*, magħrufa bħala *ta' Xmun* jew *tas-Sellum*, tal-kejl ta' *circa* tomna u sigħajn.

9. Ma huwiex kontestat illi l-parti mxattra tal-art l-oħra messet fil-qasma lill-attur[1] u għalhekk il-prelegat tal-għalqa *ta' Xmun* jew *tas-Sellum* tmiss lill-attur.

10. Ma jidhirx li huwa kontestat ukoll illi l-werrieta kollha ħlief il-konvenut Philip Agius u Paola Agius kienu disposti illi jħallsu l-prelegat, u għalhekk ma għandhomx ibatu spejjeż tal-kawża, għalkemm għandu jingħad illi jidher stramb kif Paola Agius irrifjutat li tħallas il-prelegat u fl-istess ħin fetħet din il-kawża f'isem l-attur bħala mandatarja tiegħu.

11. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur, tgħid illi lill-attur tħalliet bi prelegat l-għalqa fil-limiti ta' Ħaż Żebbuġ, kontrada *ta' Wied is-Sewda*, magħrufa bħala *ta' Xmun* jew *tas-Sellum*, tal-kejl bejn wieħed u ieħor ta' tomna u żewġ sigħan, u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu dan il-prelegat lill-attur. Il-ħlas għandu jsir permezz ta' att ta' immissjoni fil-pussess li għandu jiġi pubblikat min-Nutar Philip Said nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju 2011 fl-10.00 *a..m.* fil-bini tal-Qrati Superuri, il-Belt Valletta. Il-qorti taħtar ukoll bħala kuratur biex jidher f'isem min jonqos li jersaq għall-pubblikazzjoni tal-att lill-Avukat Peter Caruana Galizia.

L-ispejjeż tal-kawża u d-drittijiet tal-kuratur għandhom iħallsuhom il-konvenuti Paola Agius u s-suċċessuri ta' Philip Agius; l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni tal-att għandu jħallashom l-attur, kif igħid u jrid l-art. 726(3) tal-Kodiċi Ċivili.

---

[1] *Affidavit* tal-konvenut Nazzareno Agius, *fol.*78.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------